**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 650/97

Victor Magro
vs
Chairman Telemalta Corporation u u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2001 Maltacom p.l.c. u c-Chairman E.T.C.

Illum 7 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1987 huwa sofra ingustizzja f'li gie tterminat l-impieg tieghu ta' impressed driver.

Illi l-fatti tal-kaz kien fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien ilu jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta ghall-madwar tnax-il sena. Illi huwa kemm kien ilu jahdem mat-Telemalta qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu. Illi huwa dejjem ghamel ix-xoghol mitlub minnu bl-aktar serjeta` u efficjenza.

Illi huwa ftit wara l-elezzjoni generali ta' Mejju 1987 kien ircieva telefonata d-dar mit-timekeeper, fejn qallu li kien tah ordni s-sur John Bezzina li kien jahdem fis-sezzjoni tat-Transport, li l-impieg tar-rikorrent gie terminat. Illi huwa jhoss li saret ingustizzja mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu. Illi huwa konvint li gie mwaqqaf mix-xoghol ta' impressed driver minhabba din ir-raguni, fejn ghadu jbaghti l-konsegwenzi taghha sal-lum. Illi huwa ghadu jirregistra sal-gurnata tal-lum bi tbatija ghalih u ghall-familja tieghu. Illi minn dak il-hin stess li gie terminat l-impieg tieghu, il-Korporazzjoni Telemalta impjegat aktar impressed drivers. Illi huwa jkompli jkun konvint li gie mwaqqaf mix-xoghol minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-impieg lura u

jigi kkumpensat ghat-tbatija li ghadda minnhom, konsegwenza ta' din it-tkeccija mill-impieg minhabba t-twemmin tieghu politiku, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chairman Telemalta Corporation li eccepixxa:

1. illi fl-ewwel lok ghall-korrettezza ghandu jigi kjarifikat u rrangat l-okkju tar-rikors u dawn il-proceduri.

2. Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent.

3. Illi r-rikorrent irid jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. F'kull kaz huwa ma kellu ebda dritt li jkompli jinghata kuntratti b'mod indefinittiv mill-Korporazzjoni Telemalta.

4. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig li eccepiet:

Illi, preliminarjament, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi mill-kontenut tar-rikors promotorju, l-ilment li ghandu r-rikorrent huwa dirett kontra l-intimati Korporazzjoni Telemalta.

Illi jekk fil-fatt ir-rikorrent ghandu lment kontra ir-rikorrenti f'dak li huwa konness mal-fatt illi ghadu jirregistra ghax-xoghol u /jew kien inqata' mir-Registru, in kwantu ghall-ewwel element ta' l-ilment, ir-rikorrenti mxew skond il-ligi f'dak li jirrigwarda r-rikorrent u l-prijorita` li kellu jinghata u f'dak li jirrigwarda t-tieni element ta' l-ilment, ir-rikorrent kellu dejjem l-opportunita' li jirrikori quddiem l-Awtorita` Nazzjonali ta' l-impiegi ghar-rimedju kkontemplat mil-ligi u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni jissindika l-agir ta' ir-rikorrenti f'dan ir-rigward.

Salv kull sottomissjoni ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li kien dahal jahdem mat-Telemalta kwazi xi tnax-il sena qabel l-elezzjoni

generali tal-1987. Vetturi kellu l-ewwel Simca u wara Fiat. Dawn il-karozzi dejjem zammhom fi stat tajjeb hafna. Xoghlu dejjem ghamlu fl-ahjar li seta' tant li qatt ma kien hemm xi rapport kontra tieghu, la fuq nuqqas tieghu u lanqas fuq xi nuqqas minhabba l-vetturi li kont juza.

Hadem f'diversi sezzjonijiet. Gurnata wara l-elezzjoni tal-1987 kien trasferit ghall-exchange taz-Zejtun. Tminn xhur wara l-elezzjoni generali tal-1987 meta kien inbidel il-gvern, kien mar biex igedded izda qalul biex jirritorna d-dar. Meta dakinhar stess rritorna lejn daru l-mara kienet qaltlu li cempel xi hadd ghalih u kien qallu li spicca mix-xoghol. Meta mar ikellem lil Ex Ministru Pierre Muscat dana qallu li qatt aktar ma setgha jahdem mat-Telemalta u dana minghajr ma qallu l-ebda raguni.

In kontro-ezami r-rikorrent qal li ma kellux kuntratt mat-Telemalta. Originarjament l-ewwel sitt xhur kien impressed mal-Public Works. Semma li kien igedded kull tlett xhur u kien imur l-Labour office u jgeddulhom ghal tlett xhur ohra. Imbaghad t-Telemalta kella bzonn xi drivers u karozzi u kienu baghtuh mat-Telemalta mill-Labour Office. Ma kellux kuntratt izda li ghamel dak iz-zmien jahdem kull darba jgedded wara li jispicca z-zmien. Kienu jgeddulu regolarment il-labour office. Semma li kien inhallas il-bolla tas-self employed, anki meta kien bl-impressed. Zied "Mistoqsi wara li gejt terminat jiena fl-1987 il-Maltacom regghux dahlu impressed drivers minfloki wara li ma giex mgedded il-kuntratt tieghi bhala impressed driver nghid li iva. Anzi nghid li

dakinhar stess kienu dahlu xi nies ohra. nghid li t-Telemalta qatt ma regghu baghtu ghalija…"

Xehed l-Inginier Paul Montanaro li semma li jaf lir-rikorrent u jafu jahdem mat-Telemlata u ghamel xi snin jahdem mieghu bhala impressed qabel Mejju 1987. Kien ikun mieghu jahdem bhala impressed kwazi l-gurnata kollha. Dwar ix-xoghol tar-rikorrent ma kellux xi jgerger.  Qatt ma jaf li kien hemm xi complaint fir-rigward tar-rikorrent. Hu qatt ma ghamel rapporti fil-konfront tieghu u dejjem sabu korrett fix-xoghol tieghu.

John Bonnici Senior Technical Officer semma li kien Transport Officer u in charge mit-tqassim tal-karozzi fiz-zmien li r-rikorrent kien impressed driver mat-Telemalta.  Xehed: "Mistoqsi niftakarx li kienet giet ordni li timpedixxi li jigi mgedded il-kuntratt tas-Sur Magro nghid li iva niftakar dan.  L-ordni kienet li ma jigix imgedded il-kuntratt tas-Sur Magro, peress li huwa kien jahdem on contract basis li jigi mgedded minn zmien ghal zmien. Dak iz-zmien li kien hemm jiena in-charge kienu gew imwaqqfin tlieta is-Sur Magro u tnejn ohra.  Izda kien hemm ohrajn li ma kinux twaqqfu. L-ordni biex jigi terminat is-Sur Magro kienet giet minn fuq. Mistoqsi niftakarx li wara li gie terminat is-Sur Magro kienu dahlu xi ftit taz-zmien wara, impressed drivers ohra nghid li iva niftakar li kienu dahlu. Li nista nghid fir-rigward tas-Sur Magro li qatt ma kien hemm complaints, li meta tajnih ix-xoghol dejjem qdiena, u qatt ma kien hemm rapporti negattivi fil-konfront tieghu…Il-kuntratt ta' l-impressed kien bil-miktub u kien jiggedded jekk mhiniex sejjer zball kull tlett xhur."

David Buttigieg rapprezentant tat-Telemalta esebixxa dokument li jirreferi ghar-rikorrent kif ukoll ghal tnejn ohra u qed tinforma lid-Director of Labour li dawn kienu ser jigu mwaqqfa milli jkomplu bhala impressed u datata 30 ta' Mejju 1988. Dawn kienu ser jigu mwaqqfa mill-1 ta' Gunju 1988. Mir-ricerka li ghamel sab li kienu dahlu drivers ohra bl-impressed f'Awissu ta' l-1988 l-ewwel wiehed li kien dahal bhala impressed kien Vincent Muscat mir-Rabat. Sa l-ahhar tas-sena 1988 kienu dahlu tlieta ohra li kienu Samuel Grech mir-Rahal Gdid li dahal f'Ottubru 1988, Michael Schembri mir-Rabat li dahal f'Dicembru 1988 u Victor Ciantar minn Attard dahal f'Ottubru 1988.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi mill-kontenut tar-rikors l-ilment huwa dirett kontra l-Korporazzjoni Telemalta, jinghad li r-rikorrent ma gab ebda prova li l-ETC hi b'xi mod involuta f'dak li gara. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-ETC u jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fis-7 ta' Marzu, 2000 fl-ismijiet Bezzina Carmel vs Direttur Dipartiment tal-Edukazzjoni [Rikors 759/97] dan it-Tribunal qal hekk:

"Illi l-kaz in ezami jirreferi mhux ghal tkeccija ossija terminazzjoni ta' impieg kif isostni l-intimat izda **f'nuqqas ta' hatra gdida ghal perijodu iehor normalment ta' tlitt xhur**

**ohra minhabba il-bzonn tal-intimat u peress li r-rikorrent kien precedentement impjegat mal-intimat.** Ikun kaz ta' terminazzjoni ta' impieg jekk ir-rikorrent gie mwaqqaf **matul il-kors ta' l-impieg** ghal xi raguni valida jew le… l-ilment hu ta' kompetenza tat-Tribunal." [Ara wkoll Carmelo Farrugia vs Chairman MDC et deciza fit-28 ta' Gunju, 2000].

Fir-rikors fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma" deciz fis-16 ta' Frar, 1998, it-Tribunal qal:
L-artikolu 6 (1) jghid hekk:
It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, cskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija

[a] dwar ilmenti miktuba minn persuni li jallegaw li garrbu ingustizzja

[b] li l-ingustizzja trid tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab [in consequence of undue distinction, exclusion or preference which has been made or given to his prejudice, or of any disability or restriction to which he has been subjected]

[c] b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar dak imsemmi aktar l-isfel.

Issa l-lista elenkata fil-paragrafi 6 (1) (a) (b) (c) (d) hija ezawrjenti b'mod li bil-fors il-kwistjoni trid tirriferi ghal hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, dhul fl-impieg, licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi u dan ad eskluzzjoni ta' xi azzjonijiet simili jew ftit differenti? Hu necessarju li l-kazijiet jaqghu precizament f'dawn it-termini, jew il-ligislatur ried jinkludi kazi ohra li huma ta' l-istess natura? Ghandhom jigu kunsidrati ingustizzji ohra li pero' ma humiex strettament hatra, promozzjoni, jew trasferiment, izda possibilment xi ingustizzja ohra mhux specifikament imsemmija izda li hi ta' l-istess natura?

Jekk hi inkluza promozzjoni certament li tidhol promozzjoni b'data differenti [anticipata jew posticipata]; kif ukoll hija inkluza "demotion". Jekk gie inkluz trasferiment [minn Dipartiment ghal iehor, jew sezzjoni ghal ohra] ghaliex m'ghandiex tigi inkluza rizenja sfurzata mic-cirkostanzi! Jidher li l-ispirtu tal-ligi kien li tkopri l-ingustizzji kif elenkati izda mhux li tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva b'mod li jigi stultifikat l-iskop tal-ligi specjali li saret.

Dan it-Tribunal ihoss li hu ferm difficli li "a priori" jaghmel regoli precizi ta' dawk l-azzjonijiet kollha li jaqghu fil-kompetenza tieghu u liema le. Hu necessarju li f'kull kaz fejn ma huwiex specifikament imsemmi mill-istess ligi li t-Tribunal jezamina jekk il-kaz jinkwadrax.

Ikkunsidra li l-Korporazzjoni intimata qedgha ssostni li l-karozzi huma impressed u mhux id-driver, li dawk id-drivers ihallsu l-bolla tan-National Insurance tas-"self-employed" u jhallsuha huma kollha, la ghandhom leave u lanqas sick leave. Dawn fil-fehma tal-Korporazzjoni jeskludu lil min hu bhal rikorrent milli jaqgha that il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Pero' hu ta' min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura "must be owner driven" b'mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu

esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni fundamentali li ma' l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid. Ghalhekk, ghalkemm strettament dan ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f'impieg b'mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta' self-emplyed, u li l-Manager tal-Personnel ma jkollux x'jaqsam maghhom direttament, xorta wahda ghall-iskop ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala "dhul fl-impieg". Jekk saret ingustizzja relattiva ghal impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji."

Ikkunsidra li r-rikorrent kien jahdem bil-vettura tieghu bl-impressed mat-Telemalta. Ix-xoghol tieghu ma giex imgedded. Hu stqarr li qatt ma kien hemm rapporti jew ilmenti dwaru jew il-vetturi tieghu. L-Inginier Paul Montanaro semma li dwar ix-xoghol tar-rikorrent ma kellux xi jgerger. Qatt ma jaf li kien hemm xi complaint fir-rigward tar-rikorrent. Hu qatt ma ghamel rapporti fil-konfront tieghu u dejjem sabu korrett fix-xoghol tieghu. John Bonnici Senior Technical Officer semma li kien Transport Officer u in charge mit-tqassim tal-karozzi fiz-zmien li r-rikorrent kien impressed driver mat-Telemalta. Semma li ma kienx hemm complaints kontra r-rikorrent u li dejjem qdiehom u qatt ma kien hemm rapporti negattivi fil-konfront tieghu.

Il-kuntratt tieghu u ta' tnejn ohra ma giex imgedded. Dan ma kienx ghax naqas ix-xoghol ghax irrizulta li f'Awissu, Ottubru, u Dicembru dahlu erbgha ohra li tnejn minnhom mir-Rabat, u l-iehor

minn Attard. Jekk ma kien hemm xejn kontra r-rikorrent ma kienx hemm raguni ghala ma jigix imgedded il-kuntratt mar-rikorrent. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-Maltacom.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-Maltacom hlief dawk relativi ghall-E.T.C. li huma kontra r-rikorrent.